**STQARRIJA TAL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI TAL-PARLAMENT**

**Il-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali jinforma lill-pubbliku in ġenerali li qed iniedi proċess ta' konsultazzjoni dwar l-importanza li għandu r-rwol tal-missier fil-familja b'mod partikolari fejn tidħol it-trobbija tat-tfal.**

Il-Kumitat qed iniedi dan il-proċess wara li ddiskuta dokument fejn ġie kkunsidrat ir-rwol u l-valur tal-preżenza u r-responsabilità tal-missier, kemm f'familja fejn il-ġenituri jkunu flimkien, u anke meta l-ġenituri jisseparaw u fejn s-sitwazzjoni tkun ġeneralment ikkaratterizzata minn konflitti bejn ir-ragel u l-mara.

Kopja ta' dan id-dokument li huwa aċċessibli fuq il-websajt tal-Parlament http://www.parliament.gov.mt/socialaffairscommittee jevalwa dawn it-temi u rakkomandazzjonijiet;

- Ir-rwol tal-missier għandu jiġi spjegat permezz ta' edukazzjoni għall-koppji miżżewġa u oħrajn li għad iridu jiżżewġu, inkluż koppji li jiżżewġu biċ-ċivil kif ukoll edukazzjoni favur komunikazzjoni aħjar bejn il-ġenituri, u bejn il-ġenituri u l-ulied;
- Tneħħija tar-Reġistrazzjoni tal-*Unknown Father;*
- Ħtieġa ta' *Family Therapy Unit* fl-iskejjel tagħna;
- Ħtieġa ta' aktar miżuri *family-friendly*
- Aktar inċentivi għal attivitajiet familjari
- L-involviment tal-missier fit-tħejjija ta' qabel it-tqala pprovdut mill-Istat
- Sistema edukattiva li ma tagħmilx pressjoni żejda fuq t-tfal u l-ġenituri
- Edukazzjoni b'saħħitha favur saħħa sesswali
- Evalwazzjoni tal-benefiċċji soċjali
- Il-familja fis-separazzjoni b'mod partikolari fejn jidħlu l-interessi tal-ulied
- Jissaħħu s-servizzi għat-tfal fil-Qrati
- Ħtieġa ta' riċerka dwar l-effett tan-nuqqas tal-missier fir-realtà tal-familja Maltija
- It-tfal u l-Qorti
- Kura u Kustodja

Kull sottomissjoni bil-miktub għandha tasal għand il-President tal-Kumitat, l-Onor. Edwin Vassallo, mhux aktar tard mill-Ġimgħa 26 ta' Frar, 2010. Kull sottomissjoni tista' tintbagħat fuq l-indirizz elettroniku socialaffairs.parliament@gov.mt, jew indirizzata lill-President, Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali, Kamra tad-Deputati, Valletta.

**DOI – 18.12.2009**